# Nissieħbu Fih Għall-Imħabba

Bernard Catania & Peter Paul Zammit

```
Intro riff:     Asus2    Cmaj7    G    Dsus2  (2)

                Asus2           Cmaj7      G              Dsus2
Verse 1:   Hemm dawl jiddi f'għajnejna, li jneħħi d-dalma kollha
           Asus2           Cmaj7            G             Dsus2
           Issa ż-żmien li nħallu d-dawl, jurina fejn hi t-triq
           Asus2        Cmaj7    G                Dsus2
           Hemm għanja tidwi fina, li tkeċċi d-dwejjaq kollha
           Asus2               Cmaj7         G            Dsus2
           Issa ż-żmien biex l-għanja, insemmgħuha kullimkien
                    Solo: (2bars riff)
           Ilkoll flimkien...

Verse 2:   Hemm nar jaqbad f'ġisimna, li jtaffi l-ifjen kesħa
           Issa ż-żmien li nqabbdu n-nar, nissieħbu lkoll flimkien
           Hemm riħ jonfoħ madwarna, li jxejjen kull sħab iswed
           Issa ż-żmien li nħallu r-riħ, inaddafna lkoll mill-ġdid

                    Em     C       D        Bm
Bridge:    Biex kif Kristu ħabb lilna l-bnedmin
                Em    C       D
           Offra ħajtu fuq salib
                Em     C    D      Bm
           Hekk inħobbu aħna lil xulxin
                 Em     C      D
           U lejH nersqu aktar qrib

                    C     G          D         Em
Refrain:   Int li f'qalbna xgħelt l-imħabba għalik
                  C     G      D
           Għinna ngħixu magħqudin
                     C          G        D          Em
           Kull fejn ngħaddu inkebbsu n-nar mill-ġdid
                  C                  D
           Inkunu xhieda għall-bnedmin

Solo: (2bars riff)

Verse 3:   Hemm ritmu jħabbat b'saħħa, li jheżżeż il-qlub tagħna
           Issa ż-żmien li nħallu r-ritmu, imexxina jċaqlaqna hu
           Hemm ilma frisk iqattar, li jaqta' l-għatx tan-nixfa
           Issa ż-żmien li nwasslu l-ilma, lil kull min għandu bżonn

Bridge:    Biex kif Kristu ħabb lilna l-bnedmin
           Offra ħajtu fuq salib
           Hekk inħobbu aħna lil xulxin
           U lejH nersqu aktar qrib

Refrain (x2):   Int li f'qalbna xgħelt l-imħabba għalik
                Għinna ngħixu magħqudin
                Kull fejn ngħaddu inkebbsu n-nar mill-ġdid
                Inkunu xhieda għall-bnedmin

Solo: (outro)
```

**Asus2 Cmaj7 G Dsus2 Em C D Bm**

